**30 ta' Ġunju, 1961**
**Imħallef:—**
**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija
*versus*
Paul Bonnici

**Falz Innominat — Liċenza tas-Sewqan — Dokument Publiku — Rinviju — Art. 191, 196, u 421 tal-Kodiċi Kriminali.**

*F'materja ta' falsifikazzjoni ta' dokumenti l-iskriminanti tal-grossolanità tal-falsifikazzjoni ma hix applikabbli meta l-falsifikazzjoni tkun saret f'dokument publiku; u għalhekk mhix applikabbli f'każ ta' falsifikazzjoni ta' liċenza tas-sewqan, għax din hi dokument publiku.*

*Bir-rinviju li l-Attorney General jagħmel tal-attijiet tal-kumpilazzjoni lill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati biex bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tiddeċidi hija stess il-każ, il-Qorti tal-Maġistrati hija vinkolata biss għal dak li jirrigwarda l-kompetenza.*

*Għaldaqstant, jekk l-Attorney General jirrinvija l-atti kompilati kontra l-imputat fuq akkuża ta' falsifikazzjoni ta' dokument publiku, imma jindika bħala artikolu tal-liġi li taħtu l-imputat għandu jiġi ġudikat artikolu li jikkontempla l-falsifikazzjoni f'każijiet oħra li mhumiex ta' dokument publiku, b'hekk huwa ma jiġix li rrinunzja għaċ-ċirkustanzi li l-liċenza hi dokument publiku, u illi l-iskriminanti tal-grossolanità tal-falsifikazzjoni mhix applikabbli; u r-reat jibqa' ġudikabbli bħala falsifikazzjoni ta' dokument publiku.*

Il-Qorti:— Rat l-attijiet tal-Kumpilazzjoni magħmulin kontra Paul Bonnici quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta bħala Qorti Istruttorja, fuq l-imputaz-

zjoni li fil-25 ta' Marzu 1961, għal xi l-11.20 a.m., saq car numru 14678 sa Misraħ Kastilja fil-Belt Valletta, meta l-imsemmija car ma kelliex liċenza għal dik il-lokalità; saq l-istess car mingħajr liċenza tas-sewqan minn għand il-Pulizija; barra minn dan, għamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u publiku, billi ffalsifika u bidel skrittura, klawsoli jew pattijiet; liema attijiet u skrittura kellhom fihom jew kel'hom jippruvaw......; u aktar, wara li għamel din il-falsifikazzjoni, xjentement għamel użu mill-istess billi pproduċiha lill-Pulizija biex tagħmel li jitwemmen li fil-25 ta' Marzu 1961, meta kien qiegħed isuq car no. 14678, kien kopert b'liċenza valida tas-sewqan;

Rat in-nota tal-Attorney General tas-27 ta' April 1961, li biha l-imsemmija attijiet ġew mibgħutin lura lill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta bħala Qorti ta' Kriminali Ġudikatura, sabiex hija tiddeċidi fuq il-ħtija jew ħtijiet ta' kompetenza tagħha taħt dak li hemm maħsub (i) fl-art. 196 tal-Kodiċi Kriminali u fil-Government Notice no. 337 tal-1940, (ii) u fl-art. 14(1) (a) (3) tal-Kap. 105 tal-Liġijiet ta' Malta, barra kull ċirkustanza oħra;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-8 ta' Mejju 1961, li biha ddeċediet billi sabet lill-imputat ħati tar-reati kollha dedotti kontra tiegħu; u kkundannatu għall-ewwel u għat-tieni reat (sewqan bla liċenza u sewqan ta' vettura mhux liċenzjata) £5 għal kull reat; u għar-reat ta' falz innominat taħt iċ-ċitat art. 196 għal ħmistax il-ġurnata priġunerija; u ordnat li huwa jiġi skwalifikat milli jkollu jew jottjeni liċenza tas-sewqan għal żmien xahar; il-pieni pekunjarji jistgħu jitħallsu fi żmien xahar mil-lum;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella, u talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, u li hu jiġi liberat;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Mill-istess rikors tal-appell, kif ukoll mit-trattazzjoni tal-kawża quddiem din il-Qorti, hu ċar li l-gravam tal-ap-

pellant jirrigwarda biss il-kundanna għar-reat ta' falz innominat. F'każ simili għandha tintalab, mhux ir-revoka, imma r-riforma tas-sentenza appellata, konformement għall-preskritt tal-art. 421 Kap. 12.

F'din is-sede, id-difensur tal-appellant issolleva dan il-pont, prinċipalment, ċjoè (ara verbal fol. 26) illi, għal-Ħemm liċenza tas-sewqan hija dokument publiku, u kwindi ma tapplikax l-iskriminanti tal-grossolanità tal-falsifikazzjoni, però l-Attorney General, fin-nota tar-rinviju, iċċita l-art. 196 tal-Kap. 12, u mhux l-art. 191, u għalhekk id-difiża targumenta li l-Prosekuzzjoni rrinunzjat għaċ-ċirkustanza li l-liċenza hi dokument publiku, u kwindi l-każ jaqa' taħt l-art. 196, u imputazzjoni ta' falz taħt dak l-artikolu tikkomporta l-mezz defensjonali tal-grossolanità tal-falsifikazzjoni;

Għal dan il-pont il-Prosekuzzjoni rribattiet billi ċċitat iż-żewġ sentenzi, waħda riportata fil-Vol. XXXI-IV-375, u l-oħra fil-Vol. XXXII-IV-923, ċitati fis-sentenza appellata;

Din il-Qorti tirrileva li ċ-ċitazzjoni ta' dawk iż-żewġ sentenzi ġiet magħmula korrettament mill-Maġistrat, għax biċ-ċitazzjoni tagħhom l-Illustrissimu Maġistrat sedenti in prima istanza ried biss isostni l-prinċipju li f'materja ta' dokument publku l-grossolanità, jew "facile riconoscibilità", tal-falz ("il falso inutile") ma hijiex difiża tajba, stante li hemm dejjem l-offiża għall-fiduċja tal-publiku. A skans ta' ekwivoċi, jingħad li fiż-żmien ta' dawn is-sentenzi, ċjoè qabel il-publikazzjoni tal-Edizzjoni Riveduta, dak li l-lum hu l-art. 196 tal-falz innominat kien l-art. 191, u dak li l-lum hu l-art. 191 tal-falz f'dokument publiku, eċċ. kien l-art. 185;

Iċ-ċitazzjoni però ta' dawk iż-żewġ sentenzi mill-Prosekuzzjoni ma hijiex għal kollox opportuna ħalli tinkontra l-preġudizzjali tad-difiża, sollevata f'din is-sede, li għandha tiġi kunsidrata minn aspett divers;

L-Attorney General, bin-nota tiegħu, iddeċieda li jittratta l-każ taħt l-art. 196 tal-falz innominat, u billi l-piena komminata għall-falsifikatur privat f'dan l-artikolu ma

taqbisx dik tal-priġunerija jew lavuri furzati għal sentejn, hu seta' jeżerċita l-poteri tiegħu taħt il-G.N. 337 tal-1940, li, kif jidher mill-kliem konkludenti tar-reg. B, 1, "and thereupon the said Court shall be competent to try such offence", tinvolvi deċiżjoni ta' kompetenza. Kieku l-Attorney General iddeċieda jakkuża taħt l-art. 191, allura dak il-poter ma kienx ikun eżerċibbli, minħabba l-entità tal-piena irrogata fl-art. 191;

Issa, din il-Qorti kif kostitwita, fis-sentenza tagħha in re "Pul. vs. Barbara", 2 ta' Diċembru 1939, kienet qalet sa fejn ir-rinviju jivvinkola l-Maġistrat u kienet qalet li r-rinviju hu vinkolanti għal dik li hi kwistjoni ta' kompetenza. Mela l-Attorney General, b'dak ir-rinviju, ma kienx qiegħed jirrinunzja affattu għaċ-ċirkustanza li d-dokument kien publiku, u li għalhekk il-grossolanità, id-difiża tal-grossolanità ma kienetx applikabbli, imma kien qiegħed, fil-limiti tad-diskrezzjoni kważi-ġudizzjali tiegħu, u "in favorabilibus", atteżi ċ-ċirkustanzi tal-każ, jakkuża lill-imputat taħt dispożizzjoni aktar miti. Il-ġudizzju, għall-Maġistrat fl-ewwel istanza, u issa għal din il-Qorti tal-Appell, b'dak ir-rinviju, ġie hekk inkwadrat irrevokabbilment. Il-kwalità ta' dokument publiku baqgħet dejjem, u kwindi baqgħet dejjem ineffikaċi l-iskriminanti tal-faċili rikonoxxibbilità. In teorija ġustifikanti, jista' forsi jingħad li ta'volta, fil-ġudizzju insindakabbli tal-Attorney General, "pro tanto" u "in subjecta materia" il-falsifikazzjoni, avvolja ta' dokument publiku (għax il-liċenza hi dokument publiku) ma saretx f'xi wieħed mil-modi ndikati fl-art. 191, u kwindi hemm il-falz f'dokument partikulari, imma innominat, għax ġie forsi kunsidrat li ma jaqgħax preċiżament kwantu għall-modi ta' falsifikazzjoni, taħt l-art. 191. Fis-sentenzi fuq ċitati, fejn — jerġa jiġi avvertit — l-art. 191, hemm ċitat ma hux l-art. 191 odjern tal-falz f'dokument publiku, imma hu l-art. 196 odjern tal-falz innominat, stante r-rinumerazzjoni konsegwenti għal-Edizzjoni Riveduta, ġie similment kontemplat falz innominat ta' dokument publiku kommess minn privat;

Il-preġudizzjali, għalhekk, mhijiex sostnuta;

Fil-meritu, id-difiża ma ġiebet xejn a diskariku, u tal-

bet biss l-applikazzjoni tal-art. 23 Kap. 12 (jew il-lum id-dispożizzjoni leġislattiva ekwivalenti); iżda din il-Qorti ma ssibx li hu l-każ;

Għalhekk, prevja konferma tal-motivi tal-Ewwel Qorti, tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Is-sospensjoni tal-liċenza tibda tgħodd mill-espijazzjoni tal-piena tal-priġunerija.